

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2416

tal-20 ta' Ottubru 2017

li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2195 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew, fir-rigward tad-definizzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għar-rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri, u li jikkoreġi dak ir-Regolament Delegat

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 ⁽¹⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Bl-għan li jiġi ssimplifikat l-użu tal-Fond Soċjali Ewropew ("l-FSE") u li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji, huwa xieraq li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u tas-somom f'daqqa disponibbli għar-rimborż lill-Istati Membri. Jenħtieġ li l-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għar-rimborż lill-Istati Membri jiġu stabbiliti abbażi tad-dejta mressqa mill-Istati Membri jew ippubblikata mill-Eurostat u abbażi tal-metodi miftiehma b'mod komuni, fosthom il-metodi stabbiliti fl-Artikolu 67(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ u fl-Artikolu 14(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013.
- (2) Jekk wieħed iqis id-differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fejn jidħol il-livell tal-ispejjeż għal tip ta' operazzjoni partikolari, id-definizzjoni u l-ammonti tal-iskali standard tal-ispejjeż tal-unità u tas-somom f'daqqa jaf ivarjaw skont it-tip ta' operazzjoni u skont l-Istat Membru kkonċernat biex jirriflettu l-ispeċifità tagħhom.
- (3) Ċipru ppreżenta l-metodi għad-definizzjoni tal-iskali standard tal-kostijiet tal-unità għar-rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni.
- (4) Il-Ġermanja ppreżentat metodi għad-definizzjoni ta' aktar skali standard tal-ispejjeż għal kull unità għar-rimborż mill-Kummissjoni li jikkonċernaw tipi ta' operazzjonijiet li għadhom mhumiex koperti mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2195 ⁽³⁾.
- (5) Franza ressqet dejta għall-emendar tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità li bħalissa huma stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/2195.
- (6) L-Iżvezja ressqet dejta għall-emendar tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità li bħalissa huma stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/2195. Il-Kummissjoni emendat skont dan ir-rati stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 għall-operazzjonijiet appoġġati taħt l-assi prijoritarju 1 "Provvista ta' ħliet" tal-Programm Operazzjonali (Nationellt socialfundsprogram för investering för tillväxt och sysselsättning 2014-2020) (CCI-2014SE05M9OP001) fir-Regolament Delegat (UE) 2017/2016 ⁽⁴⁾. Madankollu, il-Kummissjoni żbaljat billi ma emendatx ukoll ir-rati stabbiliti għall-assi prijoritarji 2 u 3 tal-istess programm operazzjonali. L-ammonti għal dawn l-assi prijoritarji jenħtieġ li jiġu emendati wkoll, u l-ammonti stabbiliti għall-Iżvezja jenħtieġ li jkun applikabbli mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Delegat (UE) 2017/2016.
- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 jiġi emendat u kkoreġut skont dan,

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 470.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠUL 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2195 tad-9 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew, fir-rigward tad-definizzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għal rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri (ĠUL 313, 28.11.2015, p. 22).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2016 tad-29 ta' Awwissu 2017 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2195 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew, fir-rigward tad-definizzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għal rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri (ĠUL 298, 15.11.2017, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 huwa kkoreġut u emendat kif ġej:

- (1) l-Anness I huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (2) l-Anness II huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (3) l-Anness VIII huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;
- (4) l-Anness XV jiżdied kif stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1(1) għandu japplika mill-5 ta' Diċembru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità lill-Iżvezja

1. Id-definizzjoni tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità

It-tip ta' operazzjonijiet ⁽¹⁾	Isem l-indikatur	Il-kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikatur	L-ammonti		
1. Operazzjonijiet appoġġati taħt l-assi prijoritarju 1 “Provvista ta' ħliet” tal-Programm Operazzjonali (Nationellt socialfondsprogram för investering för tillväxt och sysselsättning 2014-2020) (CCI-2014SE05M9OP001)	Is-sigħat maħduma	Il-kategoriji kollha tal-ispejjeż ħlief il-pagi tal-parteciċipanti.	L-għadd ta' sigħat maħduma ⁽²⁾	Il-grupp tal-pagi (il-kodiċi SSYK ⁽³⁾)	Ir-reġjun: Stokkolma (SE 11) (l-is-piża għal kull unità fis-siegħa — ammont f'SEK ⁽⁴⁾)	Ir-reġjuni kollha barra Stokkolma (SE 12-33) (kost għal kull unità fis-siegħa — ammont f'SEK)
				1 (912 – 913 -919 -921)	321	328
				2 (414 – 415 – 421 – 422 -512 – 513 – 514 – 515 – 522 – 611 -612 -613 – 614 – 826)	360	356
				3 (331 – 348 – 411 – 412 – 413 – 419 – 711 – 712 – 713 – 714 – 721 – 722 – 723 – 724 – 731 – 732 – 734 – 741 – 742 – 743 – 811 – 812 – 813 – 814 – 815 – 816 – 817 – 821 – 822 – 823 -824 – 825 – 827 -828 -829 -831 – 832 – 833 – 834 – 914 – 915 – 931 – 932 – 933)	416	395
				4 (223 – 232 – 233 – 234 – 235 – 243 – 249 – 313 – 322 – 323 – 324 – 332 – 342 – 343 – 344 – 345 – 346 – 347 – 511 – 011)	473	438

It-tip ta' operazzjonijiet (1)	Isem l-indikatur	Il-kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikatur	L-ammonti		
				Il-grupp tal-pagi (il-kodiċi SSYK (3))	Ir-reġjun: Stokkolma (SE 11) (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa — ammont f' SEK (4))	Ir-reġjuni kollha barra Stokkolma (SE 12-33) (kost għal kull unità fis-siegħa — ammont f' SEK)
				5 (213 – 221 – 231 – 241 – 244 – 245 – 246 – 247 – 248 – 311 – 312 – 315 – 321 – 341)	587	512
				6 (211 – 212 – 214 – 222 – 242 – 314)	776	724
				7 A (121)	1 035	1 035
				7 B (111-123)	1 121	875
				7 C (131-122)	735	601
2. Operazzjonijiet appoġġati skont l-assi priyoritarju 1 “Provvista ta' ħliet” tal-Programm Operazzjonali (Nationellt socialfundsprogram för investering för tillväxt och sysselsättning 2014-2020) (CCI-2014SE05M9OP001)	Is-sigħat ta' parteċipazzjoni fl-operazzjoni	Il-paga tal-parteċipant	L-għadd ta' sigħat ta' parteċipazzjoni (2)	Ir-reġjun: Stokkolma (SE 11) (kost għal kull unità fis-siegħa — ammont f' SEK)		Ir-reġjuni kollha barra Stokkolma (SE 12-33) (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa — ammont f' SEK)
				229	234	
3. Operazzjonijiet appoġġati skont l-assi priyoritarju 2 “Tranżizzjoni akbar lejn ix-xogħol” u l-assi priyoritarju 3 “Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ” tal-Programm Operazzjonali (Nationellt socialfundsprogram för investering för tillväxt och sysselsättning 2014-2020) (CCI-2014SE05M9OP001)	Is-sigħat maħduma	Il-kategoriji kollha tal-ispejjeż ħliet l-allokkazzjonijiet tal-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat maħduma (2)	Il-kategorija tax-xogħol	Ir-reġjun: Stokkolma (SE 11) (kost għal kull unità fis-siegħa — ammont f' SEK)	Ir-reġjuni kollha barra Stokkolma (SE 12-33) (kost għal kull unità fis-siegħa — ammont f' SEK)
				Il-kap tal-proġett għall-operazzjonijiet fejn in-nefqa totali eliġibbli kif iddikjarata fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ hija ta' iktar minn SEK 20 miljun	749	609

It-tip ta' operazzjonijiet (1)	Isem l-indikatur	Il-kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikatur	L-ammonti		
				Il-kategorija tax-xogħol	Ir-reġjun: Stokkolma (SE 11) (kost għal kull unità fis-siegħa — ammont f' SEK)	Ir-reġjuni kollha barra Stokkolma (SE 12-33) (kost għal kull unità fis-siegħa — ammont f' SEK)
				Il-kap tal-proġett għall-operazzjonijiet fejn in-nefqa totali eliġibbli kif iddikjarata fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ hija ta' SEK 20 miljun jew inqas/l-assistent kap tal-proġett għall-operazzjonijiet fejn in-nefqa totali eliġibbli kif iddikjarata fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ hija ta' iktar minn SEK 20 miljun	669	567
				Ħaddiem tal-proġett	463	420
				Ekonomista tal-proġett	598	508
				Amministratur	416	378
4. Operazzjonijiet appoġġati skont l-assi priyoritarju 2 "Tranżizzjoni akbar lejn ix-xogħol" u l-assi priyoritarju 3 "Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ" tal-Programm Operazzjonali (Nationellt socialfondsprogram för investering för tillväxt och sysselsättning 2014-2020) (CCI- 2014SE05-M9OP001)	Is-siġhat ta' parteċipazzjoni fl-operazzjoni	L-allokkazzjoni tal-parteċipant	L-għadd ta' siġhat ta' parteċipazzjoni (2)	L-assistenza finanzjarja (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa)		
				Età		(SEK)
				18-24 sena		32
				25-29 sena		40
				30-64 sena		46
				L-għotja għall-attività u l-kumpens għall-iżvilupp (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa)		
				Età		(SEK)
				15-19-il sena		17
				20-24 sena		33
				25-29 sena		51

It-tip ta' operazzjonijiet ⁽¹⁾	Isem l-indikatur	Il-kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikatur	L-ammonti	
				L-għotja għall-attività u l-kumpens għall-iżvilupp (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa)	
				Età	(SEK)
				30-44 sena	55
				45-69 sena	68
				Il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u tal-mard (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa)	
				Età	(SEK)
				19-29 sena (il-benefiċċju tas-sigurtà soċjali)	51
				30-64 sena (il-benefiċċju tas-sigurtà soċjali)	58
				Il-benefiċċji tal-mard, il-benefiċċji tar-riabilitazzjoni u l-benefiċċji għall-inċidenti fuq il-post tax-xogħol u għall-mard marbut max-xogħol (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa)	
				Età	(SEK)
				– 19-il sena	48
				20-64 sena	68

⁽¹⁾ L-ammonti tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità japplikaw biss għall-partijiet tal-operazzjonijiet li jkopru l-kategoriji tal-ispejjeż stabbiliti f'dan l-Anness.

⁽²⁾ L-għadd totali ta' sghat iddikjarati f'sena ma jridx ikun ogħla mill-għadd standard ta' sghat maħduma fis-sena fl-Iżvezja, li huwa 1 862 siegħa.

⁽³⁾ Il-kodiċi professjonali applikabbli fl-Iżvezja.

⁽⁴⁾ Il-munita fl-Iżvezja.

2. Aġġustament tal-ammonti

L-ispejjeż għal kull unità fit-tabella japplikaw għas-sghat maħduma jew għas-sghat ta' parteċipazzjoni fl-2015. Ħlief l-ispejjeż għal kull unità relatati mal-allokkazzjonijiet tal-partiċipanti, imsemmija fil-punt 4 tat-tabella, li mhux se jiġu aġġustati, dawn il-valuri għandhom jiżdiedu awtomatikament bi 2 % fl-1 ta' Jannar ta' kull sena mill-2016 sal-2023."

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità lil Franza

1. Id-definizzjoni tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità

It-tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Il-kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikatur	L-ammonti (l'EUR)
“Garantie Jeunes” appoġġat taħt l-assi prijoritarju 1 “Accompagner les jeunes NEET vers et dans l'emploi” tal-Programm Operazzjonali “PROGRAMME OPÉRATIONNEL NATIONAL POUR LA MISE EN ŒUVRE DE L'INITIATIVE POUR L'EMPLOI DES JEUNES EN METROPOLE ET OUTRE-MER” (CCI-2014FR05M9OP001)	Iż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ (imsejħin “NEET”) ⁽¹⁾ li jkunu kisbu riżultat pożittiv fil-qafas tal-“Garantie jeunes” sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-bidu tat-taħriġ	<ul style="list-style-type: none"> — il-kumpens imħallas lill-parteċipant; — l-ispejjeż ta' attivazzjoni mġarrba mill-“missjonijiet lokali” 	<p>L-għadd ta' żgħażaġh NEET li jkunu kisbu wieħed mir-riżultati li ġejjin sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-bidu tat-taħriġ:</p> <ul style="list-style-type: none"> — li jkunu bdew taħriġ f'ħiliet vokazzjonali li jwassal għal ċertifikazzjoni, billi: <ul style="list-style-type: none"> — jkunu bdew taħriġ fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja; jew — ikunu bdew taħriġ bażiku; jew — li jkunu waqqfu kumpanija; jew — li jkunu sabu impjieg; jew — li jkunu għamli mill-inqas 80 jum ta' xogħol (imħallas jew le) f'ambjent professjonali 	6 400

⁽¹⁾ Żaġżuġh mingħajr impjieg u li ma jkunx qed isegwi xi studju jew jirċievi xi taħriġ li jipparteċipa f'operazzjoni appoġġata mill-“PROGRAMME OPÉRATIONNEL NATIONAL POUR LA MISE EN ŒUVRE DE L'INITIATIVE POUR L'EMPLOI DES JEUNES EN METROPOLE ET OUTRE-MER”

2. Aġġustament tal-ammonti

L-iskala standard tal-ispejjeż għal kull unità fit-tabella hija bbażata parzjalment fuq skala standard ta' spejjeż għal kull unità li Franza tiffinanzja għalkollox. Mis-6 400 Euro, EUR 1 600 jikkorrispondu għall-iskala standard tal-ispejjeż għal kull unità stabbilita skont l-“instruction ministérielle du 11 octobre 2013 relative à l'expérimentation Garantie Jeunes prise pour l'application du décret 2013-80 du 1er octobre 2013 ainsi que par l'instruction ministérielle du 20 mars 2014” biex tkopri l-ispejjeż mġarrba mill-“missjonijiet lokali” tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg għaż-Żgħażaġħ biex iħarrġu kull żaġżuġh NEET li jibda l-“Garantie Jeunes”.

L-iskala standard tal-ispejjeż għal kull unità ddefinita fit-taqsimha 1 għandha tiġi aġġornata mill-Istat Membru f'konformità mal-aġġustamenti li jsiru skont ir-regoli nazzjonali għall-iskala standard tal-ispejjeż għal kull unità ta' EUR 1 600 msemmija fil-paragrafu 1 iktar fuq, li tkopri l-ispejjeż li jġarrbu s-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg għaż-Żgħażaġħ.”

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità lill-Ġermanja

1. Id-definizzjoni tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità

It-tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikaturi	Il-kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikaturi	L-ammonti (f'EUR)
1. Taħriġ fil-qasam tal-iżvilupp inklużiv fl-iskola: Iktar taħriġ għall-għalliema b'responsabbiltajiet ta' maniġment. L-assi prijoritarju B OP 2014DE05SFOP009 (Mecklenburg-Vorpommern)	Il-parteċipanti li jtemmu b'suċċess it-taħriġ.	Kull spiża eliġibbli (l-ispejjeż tal-persunal u spejjeż diretti u indiretti oħra).	L-għadd ta' parteċipanti li: — ipparteċipaw f'mill-inqas 51 mis-60 siegħa skedati (f'attivitajiet li jeħtieġu attenzjoni u fl-appoġġar tal-proċessi fl-iskejjel) u — li rċevew ċertifikat abbażi ta' dan.	4 702,60
2. Taħriġ fil-qasam tal-iżvilupp inklużiv fl-iskola: Taħriġ għall-korp tal-għalliema. L-assi prijoritarju B OP 2014DE05SFOP009 (Mecklenburg-Vorpommern)	Il-parteċipanti li jattendu l-workshop dwar l-iżvilupp inklużiv fl-iskola.	Kull spiża eliġibbli (l-ispejjeż tal-persunal u spejjeż diretti u indiretti oħra).	L-għadd ta' parteċipanti li ħadu sehem fil-workshop ta' tmien sigħat u li rċevew ċertifikat abbażi ta' dan.	33,32
3. Taħriġ fil-qasam tal-iżvilupp inklużiv fl-iskola: Taħriġ addizzjonali tal-għalliema fil-klassi. L-assi prijoritarju B OP 2014DE05SFOP009 (Mecklenburg-Vorpommern)	Il-parteċipanti li jtemmu b'suċċess it-taħriġ.	Kull spiża eliġibbli (l-ispejjeż tal-persunal u spejjeż diretti u indiretti oħra).	L-għadd ta' parteċipanti li: — ipparteċipaw f'mill-inqas 153 siegħa mill-180 siegħa skedati u — li rċevew ċertifikat abbażi ta' dan.	11 474,14
4. Taħriġ fil-qasam tal-iżvilupp inklużiv fl-iskola: Taħriġ addizzjonali fil-qasam tat-tagħlim prattiku L-assi prijoritarju B OP 2014DE05SFOP009 (Mecklenburg-Vorpommern)	Il-parteċipanti li jtemmu b'suċċess it-taħriġ.	Kull spiża eliġibbli (l-ispejjeż tal-persunal u spejjeż diretti u indiretti oħra).	L-għadd ta' parteċipanti li: — ipparteċipaw f'mill-inqas 26 siegħa mit-30 siegħa skedati u — li rċevew ċertifikat abbażi ta' dan.	1 698,24

It-tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikaturi	Il-kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikaturi	L-ammonti (f'EUR)
<p>5. Taħriġ fil-qasam tal-iżvilupp inklużiv fl-iskola: Taħriġ addizzjonali għall-edukaturi. L-assi prijoritarju B OP 2014DE05SFOP009 (Mecklenburg-Vorpommern)</p>	<p>Il-parteċipanti li jtemmu b'suċċess it-taħriġ.</p>	<p>Kull spiża eliġibbli (l-ispejjeż tal-persunal u spejjeż diretti u indiretti oħra).</p>	<p>L-għadd ta' parteċipanti li: — ipparteċipaw f'mill-inqas 36 siegħa mit-42 siegħa skedati (f'avvenimenti tat-taħriġ minn nies esterni u fl-għoti ta' appoġġ lill-proċessi) u — li rċevew ċertifikat abbażi ta' dan.</p>	<p>246,20</p>
<p>6. Taħriġ għall-għalliema fl-iskejjel vokazzjonali: Taħriġ speċjali tekniku u didattiku L-assi prijoritarju B OP 2014DE05SFOP009 (Mecklenburg-Vorpommern)</p>	<p>Il-parteċipanti li jtemmu b'suċċess it-taħriġ.</p>	<p>Kull spiża eliġibbli (l-ispejjeż tal-persunal u spejjeż diretti u indiretti oħra).</p>	<p>L-għadd ta' parteċipanti li: — ipparteċipaw f'mill-inqas 104 sigħat mill-120 siegħa skedati fattivitajiet li jeħtieġu l-attenzenza u — li pparteċipaw f'mill-inqas 51 siegħa mis-60 siegħa skedati ta' xogħol fi gruppi żgħar u — li temmew b'suċċess il-kompiti skedati kollha fil-kurrikulu ta' studju awtonomu u — li rċevew ċertifikat wara li ssodisfaw it-tliet kriterji stabbiliti hawn fuq.</p>	<p>14 678,40</p>
<p>7. Taħriġ għall-għalliema fl-iskejjel vokazzjonali: Taħriġ fl-għoti ta' appoġġ liż-żgħażaġh li ġejjin minn sfond ta' immigrazzjoni biex dawn jit-għallmu l-lingwa Ġermaniża. L-assi prijoritarju B OP 2014DE05SFOP009 (Mecklenburg-Vorpommern)</p>	<p>Il-parteċipanti li jtemmu b'suċċess it-taħriġ.</p>	<p>Kull spiża eliġibbli (l-ispejjeż tal-persunal u spejjeż diretti u indiretti oħra).</p>	<p>L-għadd ta' parteċipanti li: — ipparteċipaw f'mill-inqas 80 siegħa mis-96 siegħa skedati fattivitajiet li jeħtieġu l-attenzenza u — li pparteċipaw għal sitt sigħat f'sessjonijiet ta' konsulenza individwali u — li temmew b'suċċess il-kompiti skedati kollha fil-kurrikulu ta' studju awtonomu u — li rċevew ċertifikat wara li ssodisfaw it-tliet kriterji stabbiliti hawn fuq.</p>	<p>7 268,34</p>

It-tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikaturi	Il-kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikaturi	L-ammonti (f'EUR)
<p>8. Taħriġ għall-għalliema fl-iskejjel vokazzjonali: Taħriġ għall-assistenza individwali liż-żgħażaġh fi gruppi eteroġenji ħafna tat-tagħlim L-assi prijoritarju B OP 2014DE05SFOP009 (Mecklenburg-Vorpommern)</p>	<p>Il-parteċipanti li jtemmu b'suċċess it-taħriġ.</p>	<p>Kull spiża eliġibbli (l-ispejjeż tal-persunal u spejjeż diretti u indiretti oħra).</p>	<p>L-għadd ta' parteċipanti li: — ipparteċipaw f'mill-inqas 104 sigħat mill-120 sigħa skedati fattivitajiet li jeħtieġu l-attenzenza u — li pparteċipaw f'mill-inqas 51 sigħa mis-60 sigħa skedati ta' xogħol fi gruppi żgħar u — li temmew b'suċċess il-kompiti skedati kollha fil-kurrikulu ta' studju awtonomu u — li rċevew ċertifikat wara li ssodisfaw it-tliet kriterji stabbiliti hawn fuq.</p>	<p>14 105,51</p>
<p>9. Taħriġ fil-qasam tal-iżvilupp inklużiv fl-iskola: Iktar taħriġ għall-għalliema fl-iskejjel reġjonali u fl-iskejjel komprensivi f'dak li għandu x'jaqsam mat-tagħlim interkulturali u mat-tagħlim tal-lingwi b'mod ġenerali L-assi prijoritarju C OP 2014DE05SFOP009 (Mecklenburg-Vorpommern)</p>	<p>Il-parteċipanti li jtemmu b'suċċess it-taħriġ.</p>	<p>Kull spiża eliġibbli (l-ispejjeż tal-persunal u spejjeż diretti u indiretti oħra).</p>	<p>L-għadd ta' parteċipanti li: — ipparteċipaw f'mill-inqas 153 sigħa mill-180 sigħa skedati ta' taħriġ u — li rċevew ċertifikat abbażi ta' dan.</p>	<p>12 393,97</p>
<p>10. Taħriġ fil-qasam tal-iżvilupp inklużiv fl-iskola: Iktar taħriġ għall-mexxejja tal-iskejjel fl-iskejjel vokazzjonali f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-kunċetti tat-tagħlim inklużiv. Assi ta' prijorità C OP 2014DE05SFOP009 (Mecklenburg-Vorpommern)</p>	<p>Il-parteċipanti li jtemmu b'suċċess it-taħriġ.</p>	<p>Kull spiża eliġibbli (l-ispejjeż tal-persunal u spejjeż diretti u indiretti oħra).</p>	<p>L-għadd ta' parteċipanti li: — ipparteċipaw f'mill-inqas 72 sigħa mill-84 sigħa skedati fattivitajiet li jeħtieġu l-attenzenza u — li pparteċipaw f'mill-inqas 51 sigħa mis-60 sigħa skedati ta' xogħol fi gruppi żgħar u — li temmew b'suċċess il-kompiti skedati kollha fil-kurrikulu ta' studju awtonomu u — li rċevew ċertifikat wara li ssodisfaw dawn it-tliet kriterji.</p>	<p>12 588,14</p>

It-tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikaturi	Il-kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikaturi	L-ammonti (f'EUR)
<p>11. Taħriġ fil-qasam tal-iżvilupp inklużiv fl-iskola: Iktar taħriġ għall-għalliema fl-iskejjel vokazzjonali f'dak li għandu x'jaqsam mal-kunċetti inklużivi fl-ippjanar tal-lezzjonijiet. Assi ta' prijorità C OP 2014DE05SFOP009 (Mecklenburg-Vorpommern)</p>	<p>Il-parteċipanti li jtemmu b'suċċess it-taħriġ.</p>	<p>Kull spiża eliġibbli (l-ispejjeż tal-persunal u spejjeż diretti u indiretti oħra).</p>	<p>L-għadd ta' parteċipanti li: — ipparteċipaw f'mill-inqas 104 sigħat mill-120 sigħa skedati fattivitajiet li jeħtieġu l-attendenza u — li pparteċipaw f'mill-inqas 51 sigħa mis-60 sigħa skedati ta' xogħol fi gruppi żgħar u — li temmew b'suċċess il-kompiti skedati kollha fil-kurrikulu ta' studju awtonomu u — li rċevew ċertifikat wara li ssodisfaw dawn it-tliet kriterji.</p>	<p>13 704,25</p>

2. Aġġustament tal-ammonti

Mhux applikabbli.”

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità lil Ċipru

1. Id-definizzjoni tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità

It-tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Il-kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikaturi	L-ammonti (f'EUR)	
"Azzjonijiet ta' Inklużjoni Soċjali u fl-iskejjel" taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali għall-Impjeggi, ir-Riżorsi Umani u l-Koeżjoni Soċjali (CCI 2014CY05M9OP001).	1) Ir-rata għal perjodu wieħed ta' 45 minuta għall-għalliema impjegati b'kuntratt. 2) Ir-rata ta' kuljum għall-għalliema permanenti u temporanji.	Kull spiża, inklużi l-ispejjeż diretti tal-persunal.	1) L-għadd ta' sigħat maħduma. 2) L-għadd ta' jiem maħduma.	1) 21 għal kull perjodu ta' 45 minuta 2) 300 għal kull jum	
"L-Istabiliment u l-Funzjonament ta' Amministratezzjoni Ċentrali ta' Servizz tal-Benefiċċji Soċjali" taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali għall-Impjeggi, ir-Riżorsi Umani u l-Koeżjoni Soċjali (CCI 2014CY05M9OP001).	Ir-rata ta' kull xahar għall-impjegati tal-gvern permanenti u temporanji.	Kull spiża, inklużi l-ispejjeż diretti tal-persunal.	L-għadd ta' xhur maħduma ddifferenzjati skont l-iskala tas-salarji.	Skala tas-salarji	
				A1	1 794
				A2	1 857
				A3	2 007
				A4	2 154
				A5	2 606
				A6	3 037
				A7	3 404
				A8	3 733
				A9	4 365
				A10	4 912
				A11	5 823
				A12	6 475
A13	7 120				

2. Aġġustament tal-ammonti

Mhux applikabbli.”
